MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF LAWRENCE QUINTANO

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2013

Appell Kriminali Numru. 50/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Robert Gregory)**
**(Supt. Sharon Tanti)**
**Vs**
**Anthony Rizzo**

**Sentenza preliminari dwar l-ewwel eċċezzjoni mogħtija mid-difiża**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Anthony Rizzo (ID no. 368243 (M)) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli
Fit-28 t'Awwissu 2003, bejn San Giljan u tas-Sliema, ghall-habta tas-2am,
1.Minghajr ordni skond il-Ligi ta' Awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet fejn fihom il-Ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil SS u

dan sabiex, bhala mara gieghlha taghmel jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

2.B’ghemil zieni ikkorrompa lil SS, ta’ sbatax-il sena.

3.Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess minorenni.

4.Offenda l-pudur jew il-morali b’eghmil li sar fil-pubbliku jew f’post espost ghall-pubbliku.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-20 ta’ Jannar, 2012, li biha wara li rat l-artikoli 86, 87, 207, 209 u 17 tal-Kodici Kriminali, l-qorti sabet lill-appellant hati tal-ewwel, tat-tielet u tar-raba` imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u kkundannatu sittax (16) il-xahar prigunerija. Il-qorti ddikjarat lill-appellant mhux hati tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjoni.
B’applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti kkundannat lill-appellant sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ disa` mija u hdax-il Ewro u erbgha w erbghin centezmu (€911.44) liema ammont jirrprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

Il-Qorti ordnat id-divjet tal-pubblikazzjoni ta’ isem, il-vittma Sarah Slager fi kwalunkwe mezz ta’ komunikazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-1 ta’ Frar, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma f’dik il-parti taghha fejn sabet lill-esponent mhux hati tat-tieni imputazzjoni, thassar, tirrevoka w tikkancella l-istess sentenza f’dik il-parti taghha fejn l-esponent gie misjub hati tal-imputazzjonijiet l-ohra u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u piena u/jew taghti dawk il-provvedimenti u direttivi li jidhrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz u/jew tvarja u tirriforma l-istess sentenza f’dik il-parti taghha li tirrigwarda l-piena nflitta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-
1. Illi l-Ewwel Qorti kinet bir-rispett legalment skorretta meta fis-sentenza taghha dehrilha li kellha tiddikjara li x-xhieda moghtija minn Sarah Slager waqt l-udjenza tat-30 ta' Awwissu 2003 ghandha titqies prova ghall-finijiet ta' pronunzjament tas-sentenza.
Illi fl-ewwel lok tajjeb li jinghad li sabiex tasal ghal din il-konkluzzjoni l-Ewwel Qorti ghazlet li tiddikjara li kienet qed tiddepartixxi mill-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali, li ilu jigi segwit diversi snin.

Illi tajjeb ghalhekk li wiehed jaghti l-iter ta' dan il-process sabiex b'hekk wiehed japprezza dak li qed jinghad :
a. l-esponent tressaq taht arrest fit-30 ta' Awwissu 2003;
b. Sarah Slager tixhed fl-istess jum tat-30 ta' Awwissu 2003 u tigi kontro-ezaminata dakinhar stess quddiem il-Qorti Istruttorja dakinhar preseduta mill-Magistrat, illum Imhallef Abigail Lofaro;
c. Fit-12 ta' Ottubru 2006 meta l-proceduri kienu fl-istadju tal-provi tad-difiza l-Magistrat li kien qieghed originarjament jippresedi l-kaz inbidel u dan minhabba l-fatt li l-Magistrat Lofaro giet appuntata Imhallef;
d. Illi fl-udjenza tas-16 ta' Marzu 2007 gie rilevat mid-difiza li tenut kont li dan il-kaz kien kollu kemm hu msejjes fuq il-kwistjoni tal-apprezzament ghall-finijiet ta' kredibilita` tax-xhud Sarah Slager, l-istess difiza ma hassitx li setghet b'serenita` tezenta lill-Qorti kif issa preseduta mill-htiega li tisma` l-istess allegata vittma;
e. Illi ghalhekk il-prosekuzzjoni fl-istess udjenza tas-16 ta' Marzu 2007 talbet differiment sabiex tirregola ruhha fuq din il-kwistjoni;
f. Fl-14 ta' Gunju 2007 il-proceduri gew differiti sine die sakemm tigi rintraccjata Sarah Slager;
g. Illi fit-3 ta' Mejju 2010 l-ufficjal prosekutur ipprezentat rikors fejn infurmat lill-Qorti li l-kaz kien

intbaghat sine die sakemm id-difiza [recte: il-prosekuzjjoni] ikollha informazzjoni dwar jekk ix-xhud principali hijiex lesta (sic) tigi lura mill-Germanja ghall-kontro ezami [recte : sabiex tixhed viva voce];

Illi f'dan l-istess rikors il-prosekuzzjoni nfurmat lill-Ewwel Qorti illi din ix-xhud kienet lesta li tigi lura tirrispondi ghall-mistoqsijiet li trid taghmilha d-difiza [recte: sabiex tixhed mill-gdid quddiem il-Qorti kif illum preseduta] dment li l-Awtoritajiet Maltin jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez involuti.

Illi ghalhekk il-prosekuzzjoni kkummentat li dan kollu setgha jigi sorvolat b'ittri rogatorji [sic!].

h. Illi fl-udjenza msemmija u fl-udjenzi sussegwenti gie rilevat li dan ma kienx ir-rimedju u kienu jezistu rimedji ohra sabiex din id-diffikulta tigi sorvolata.

i. Illi fl-udjenza tat-13 ta' Jannar 2011, u wara differimenti sabiex il-prosekuzzjoni tirregola ruhha, l-prosekuzzjoni rrilevat li f'dan il-kaz mhuwiex indispensabbli li terga` tixhed Sarah Slager izda jekk il-Qorti thoss il-htiega li terga` tisma` lil dan ix-xhud dan seta` isir permezz ta' ittri rogatorji;

j. Illi fl-udjenza tal-istess jum tat-13 ta' Jannar 2011, l-Ewwel Qorti cahdet it-talba ghar-rogatorji ghar-ragunijiet indikati fl-istess digriet interlokutorju.

Illi fid-dawl ta' dan kollu l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata stqarret testwalment is-segwenti :
"Illi l-Qorti jidrilha li l-ewwel u qabel kollox ghandha tikkunsidra u tissorvola dan il-punt procedurali sollevat mid-Difiza qabel ma tipprocedi sabiex tikkunsidra ulterjorment dan il-kaz fil-mertu".

Izjed l-isfel u wara li ticcita in extenso dak deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 1999 fil-proceduri "Il-Pulizija (Spettur Peter Cordina) vs. Joseph Bartolo, l-ewwel Qorti kkummentat bil-mod segwenti :
"Jidher ghalhekk li il-Qorti tal-Appell Kriminali waslet ghall-konkluzjoni li meta jkun hemm bdil fil-gudikant fil-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali iridu jergghu jinstemghu l-provi mill-gdid salv jekk ikun hemm l-ezenzjoni li jsir dan mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza. Il-

Qorti tal-Appell Kriminali waslet ghal din il-konkluzjoni abbazi ta' dak li jistabbilixxi l-Artikolu 646(1) liema Artikolu jghid li l-Qorti ghandha tisma' viva voce x-xhieda mressqa kemm mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-Difiza. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din l-interpretazzjoni adoperata mill-Qorti tal-Appell Kriminali stante li l-Artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali isemmi li l-**Qorti** u mhux **il-gudikant** trid tisma' x-xhieda viva voce u fil-kaz odjern il-Qorti semghat ix-xhieda viva voce ta' SS. La l-Artikolu 646 u l-anqas l-Artikoli sussegwenti u jew antecedenti fil-Kodici Kriminali ma jindikaw li meta jkun hemm bdil fil-gudikant fl-istess Qorti fejn il-gudikant precedenti jkun sema' x-xhieda viva voce ghandha tigi skartata u ritenuta bhala mhux formanti parti mill-atti x-xhieda li tkun instemghat mill-istess Qorti meta presjeduta minn gudikant iehor". [p.6-7] (sottolinejar tal-esponent).

Illi bir-rispett jigi umilment rilevat li dan l-argument huwa wiehed pjuttost simplistiku. Bil-kemm hemm ghalfejn jinghad li fejn il-ligi ssemmi l-Qorti qed tippresumi awtomatikament li r-riferenza hija wkoll ghall-gudikant. Tabilhaqq dana qieghed jinghad ghaliex ma jistax ikollok Qorti minghajr gudikant u bl-invers ma jezistix il-figura tal-gudikant jekk ma hemmx Qorti.

Illi di piu` u in kwantu l-Ewwel Qorti ghamlet riferenza ghal dak il-bran tas-sentenza ta' Bartolo fejn hemm invokat il-proviso tal-artikolu 646(2) tal-Kap. 9, jigi umilment rilevat li dan il-bran irid jinqara fil-kuntest taz-zmien li fih inghatat dik is-sentenza u ma jistghux jitwarrbu l-izviluppi legislattivi li sehhew wara l-pronunzjament ta' Bartolo li kjarament kienu jipprovdu soluzzjoni ghall-vertenza.

Illi ghalhekk b'dak li gie deciz u bil-mod kif finalment zvolgew l-affarijiet, id-difiza sofriet pregudizzju rreparabbli u li wassal ghal lis-sentenzar tal-esponent.

2. Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess is-sentenza appellata bir-rispett hija msejjsa fuq apprezzament zbaljat ta' provi liema apprezzament zbaljat huwa msejjes fuq applikazzjoni hazina u skorretta tal-ligi.

Illi in effetti l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni taghha billi skartat dak li jipprovdi almenu in parti l-artikolu 637 tal-Kap. 9.

3. Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess, l-esponent qatt ma seta` legalment u regonevolment jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni.

Illi bid-dovut rigward f'dan il-kuntest jinghad illi mill-provi l-elementi ta' dan ir-reat ma jirrizultawx. Di piu` jirrizulta mill-provi li anki jekk wiehed kellu jaccetta l-verzjoni tal-fatti kif moghtija minn Sarah Slager din agixxiet b'mod volontarju. Kienet hi stess li ghazlet li ma titlaqx u dana peress illi hija stqarret li hekk kienet giet mghallma li taghmel f'sitwazzjonijiet bhal dawn.

4. Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess il-piena kienet eccessiva ukoll meta wiehed jikkonsidra l-fatt li hemm il-konkors formali tar-reati bejn dak ravvisat fl-artikoli 86, 87, 207 u 209.

Illi effettivament jekk wiehed kellu jaccetta l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mix-xhud Sarah Slager allura l-eghmil tal-esponent kien tali li bl-azzjonijiet tieghu huwa vvjola unico contextu tnejn jew aktar disposizzjonijiet tal-ligi. Dan il-fattur mhuwiex evidenzat fis-sentenza appellata. Anzi bl-oppost l-Ewwel Qorti taghmel riferenza ghall-artikolu 17 tal-Kap. 9.

Waqt is-seduta tal-5 ta' Diċembru 2012, id-difiża għamlet is-sottomissjonijiet tagħha dwar l-ewwel eċċezzjoni u talbet lill-Qorti sabiex tingħata sentenza preliminari dwar dan il-punt.

L-iter tal-proċess kollu kif ukoll il-parti saljenti tas-sentenza jidhru a fol 209, 210 u 211 u, a skans ta' repetizzjoni, il-Qorti qed tirreferi għal dawn il-paġni tal-proċess.

Skont id-difiża, meta l-Qorti tal-Maġistrati ddeċidiet li tista' tistrieħ fuq ix-xhieda li kienet ingħatat quddiem Maġistrat ieħor, id-difiża sofriet preġudizzju rreparabbli minħabba li

t-tieni Maġistrat ma kienx ra lix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni tixhed.

Ikkonsidrat

Dan il-proċess ilu għaddej mit-30 t'Awwissu 2003 u jirreferi għal dak li seħħ fit-28 t'Awwissu 2003.

L-allegata vittma xehdet fit-30 t'Awwissu 2003 (ara fol 9 et) u sarilha l-kontro-eżami tagħha dak in-nhar stess kif jidher minn fol 14.

L-istess xhud kienet xehdet ukoll quddiem il-Maġistrat Inkwirenti nhar id-29 t'Awwissu 2003 (fol 23 – 46).

Din ix-xhud imbagħad siefret u l-Maġistrat li kienet qed tisma' l-każ inħatret Imħallef. Il-każ kien assenjat lill-Maġistrat oħra li kompliet tisma' x-xhieda.

Meta wasal il-mument għall-provi tad-difiża, i-difiża ssottomettiet li l-Qorti kellha tisma' lix-xhud ewlenija tal-Prosekuzzjoni hija stess. (fol 161) Ix-xhud Ġermaniża talbet li jitħallsu l-ispejjeż biex tiġi Malta ħa terġa' tixhed (fol 163). F'mument ieħor kien hemm il-ħsieb li jsiru r-rogatorji iżda l-Qorti ddeċidiet li r-rogatorji ma kinux ser isolvu l-problema għax xorta ma kinitx ser tara lil din ix-xhud tixhed u li din ix-xhud kienet diġa' xehdet f'dawn il-proċeduri. (fol 170).

Il-Qorti tal-Maġistrati kienet taf bid-deċiżjoni 'Il-Pulizija versus Joseph Bartolo'. Infatti rreferiet għaliha ampjament fis-sentenza tagħha. U kompliet tgħid hekk:

'U għalhekk abbażi ta' dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali tista' tiġi applikata b'analoġija d-dispożizzjoni tal-proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 646.'

Ikkonsidrat

Li l-Qorti mhix ser tilqa' din is-sottomissjoni għar-raġunijiet li jidhru fil-paragrafi t'hawn taħt.

L-ewwelnett m'hemm xejn ħażin li minn żmien għall-ieħor il-Qorti tirrevedi dak li jkun ġie stabbilit f'deċiżjonijiet li ngħataw qabel. Dan jgħodd aktar fil-każ ta' Malta fejn m'hawnx dottrina tal-istare decisis. Rajna dan isir diversi drabi fost l-oħrajn il-pożizzjoni jekk għandhiex tkun inxurjata l-karozza jew min isuq skont il-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Fi Qrati barranin bħal dawk ta' Strasbourg jew tal-ECJ ġewwa l-Lussemburgu, il-Qrati bidlu l-fehmiet tagħhom fuq punti diversi għal aktar minn darba. Bħala eżempju wieħed jista' jsemmi jekk l-impjegat ċivili jistax jinvoka l-artikolu 6 minħabba xi każ li għandu x'jaqsam max-xogħol tiegħu. Dak li ntqal f' Pellegrini versus France (1999) inbidel f'anqas minn seba' snin f'deċiżjoni oħra 'Vilho Eskelinen and Others vs Finland'. Min-naħa l-oħra l-ECJ mhux darba jew tnejn li ddeċieda li 'minn dan il-każ 'il quddiem, dan ir-regolament għandha jibda jkun interpretat hekk.' Dan jidher mis-silta ta' hawn taħt:

*'Some confusion was introduced by the ECJ's ruling in 'Akrich' that a non-EU national spouse who was not lawfully resident in a Member State, who had, for example, entred unlawfully, could not avail of rights of movement and residence under EU law. The decision was difficult to reconcile with the judgment in MRAX, and in Jia the ECJ confined Akrich to its own facts. <u>The ECJ has now departed from Akrich</u>.' (Enfasi tal-Qorti).*

Fil-każ ta' Malta, Qorti ta' Prima Istanza mhux bilfors li ssegwi linja li tkun ħadet Qorti ogħla . Għalhekk sakemm il-Qorti tal-Maġistrati dehrilha li ma kellhiex timxi mas-sentenza 'Il-Pulizija kontra Joseph Bartolo', dan setgħet tagħmlu.

It-tieni, id-difiża qed tinsisti li xhud ewlenija bħal din għandha tinstema' minn min ser jiġġudika biex dan

*<u>'jista' jqis l-imġiba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, ta' fattizzi l-oħra tax-xhieda, jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra, u taċ-ċirkostanzi l-oħra tal-każ.'</u>* (Artikolu 637 tal-Kap 9).

Dil-Qorti tikkunsidra li jkun tajjeb li min ser jiġġudika jisma' l-każ mill-bidu sat-tmiem biex ikun jista' jqis l-ewwel **tliet elementi** li jsemmi l-artikolu 637. Il-Qorti qed tirreferi għall-ewwel tliet elementi għaliex **il-ħames elementi** l-oħra ma jiddependux daqshekk fuq jekk xhud xehedx 'viva voce' jew le. Biex jingħata eżempju, minn xhieda **reġistrata tajjeb** [1]wieħed jista' jara jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew jekk hix konsistenti.

It-tielet f'dan il-każ ix-xhud ewlenija xehdet fi żmien 24 siegħa quddiem il-Maġistrat Inkwirenti u fi żmien 48 siegħa quddiem il-Qorti istruttorja. Għalhekk xehdet 'a tempo vergine'. Barra minn hekk, min irid juġġidka f'dan il-każ għandu żewġ verżjonijiet tal-istess xhieda u allura għandu ċ-ċans mhux biss li jara xhieda waħda biex jara din fiha nnifisha hix konsistenti iżda jista' jqabbel iż-żewġ verżjonijiet biex jara humiex konsistenti bejniethom. Imbagħad jiddeċiedi għandux joqgħod fuq ix-xhieda mogħtija jew jiskartahiex għax mhux ta' min joqgħod fuqha.

Ir-raba': L-espressjoni 'il-fattizzi l-oħra tax-xhieda' hija espressjoni astratta li bilfors qed tirreferi għal xi element differenti mill-ewwel tlieta għax il-leġislatur suppost li ma jużax frażijiet fil-liġi li jfissru l-istess bħal ta' qabilhom. Dawn 'il-fattizzi l-oħra' jew jinstabu fil-proċess jew le iżda żgur mhux marbutin mal-fatt li l-Maġistrat li ta s-sentenzi kellha bil-fors tisma' lil din ix-xhud.

Il-ħames, wara l-espressjoni imsemmija fil-paragrafu ta' qabel, fl-artikolu 637 insibu l-frażi 'jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra' – espressjoni li tista' tirreferi għal xhieda okulari, xhieda forensika jew dokumentali. Hi x'inhi din it-tip ta' xhieda, din jew tinsab fil-proċess jew le

---

[1] Ara: P K vs Finland (2002) In these circumstances the fact that the new presiding judge had at his disposal the minutes of the session at which the witness had been heard (cf. Karjalainen v. Finland, application no. 30519/96, Commission decision of 16 April 1998, unreported) to a large extent compensates for the lack of the immediacy of the proceedings.

u, bħala tali, mhux bil-fors għandha  x’taqsam mal-personalita’ tax-xhud jew ma kif jiddeponi x-xhud.

Is-sitta, il-leġislatur jagħlaq bl-espressjoni ‘u ċ-ċirkostanzi l-oħra tal-każ’ li hija espressjoni ġenerika li turi li l-leġislatur qed jistenna li min ser jiġġudika ma jħalli xejn barra minn dak li qiegħed quddiemu.  Il-Qorti tal-Maġistrati kellha kull fakolta’ biex tagħmel dan u tiddiċiedi jekk kienx hemm ċirkostanzi oħra li jsaħħu jew ma jsaħħux ix-xhieda mogħtija.

Is-seba’, għalhekk l-artikolu 637 tal-Kap 9,  mhux qed jorbot kollox dwar jekk min ser jiġġudika rax ix-xhud jixhed ‘viva voce’ jew le quddiem il-Maġistrat li jagħti s-sentenza għaliex isemmi elementi oħra li qieħed li min jiġġudika għandu jqis’.

It-tmienja, fuq kollox, kif diġa’ ntqal, mill-atti jirriżulta li x-xhud priniċpali xehdet darbtejn ‘viva voce’ u kien sarilha l-kontro-eżami.  Fl-istruttorja, id-difiża għandha ċ-ċans u għandha d-dritt li tagħmel il-kontro-eżami.  Jekk dan ma jsirx u x-xhud ma jkunx jista’ jinstab jew imut, allura wara ma jkunx jista’ jillamenta li ma ħarġitx il-verita’ kollha għaliex d-difiża tkun qed tipposponi l-kontro-eżami għal aktar ‘il quddiem.    Iżda f’dan il-każ sar saħansitra l-kontro-eżami u kien hemm madwar ħdax-il mistoqsija lil din ix-xhud.

Id-disa’ raġuni hija t-tul ta’ żmien. Dan il-każ beda fit-30 t’Awwissu 2003 u fil-11 ta’ Novembru 2004 l-Avukat Ġenerali bagħat l-artikoli (fol 149).  Jirriżulta li l-Maġistrat li kompliet tisma’ l-każ tat iċ-ċans kollu biex tinstab xi soluzzjoni  - mit-12 t’Ottubru 2006 sat 8 ta’ Lulju 2011 u xorta baqa’ kollox kif kien. Wara dak iż-żmien il-Maġistrat ma setgħetx  tħalli l-proċeduri sospiżi aktar u ddeċidiet tajjeb li tkompli l-każ.

L-għaxar raġuni  hija din. Meta xehdet l-ewwel darba, ix-xhud ewlenija kellha 17-il sena.  Il-ħin bejn l-inċident u ż-żewġ xhieda li tat kien tant qasir li ma kienx hemm ċans li hi jew ħadd ieħor jipprepara x-xhieda għaliha jew

jgħallimha x'għandha tgħid.  Ma jaħgmilx sens li xhud terġa' tixhed dwar l-istess fatti wara tant żmien.

**Konsiderazzjonijiet tal-aħħar.**

L-artikolu 637 tal-Kap 9 għandu jittieħed bħala gwida biex jgħin fil-valutazzjoni ta' xhud.  Dak li l-leġislatur introduċa fil-Kodiċi Kriminali biex jgħin m'għandux iservi biex jitwalu l-proċeduri għal xejn.  Minn meta nkiteb dak l-artikolu kien introdott l-użu tat-tape recorder, in-numru ta' kumpilazzjonijiet żdied sew u ħafna aktar kawżi qegħdin jinstemgħu mill-Qorti tal-Maġistrati milli minn ġurija.

Min-naħa l-oħra l-membri tal-ġurija jkollhom joqogħdu fuq dak li jaraw u jisimgħu fl-awla.  Iżda wkoll għal dawn dan jgħodd sa ċertu punt biss għaliex xorta tista' tinqara xhieda ta' persuna li mietet jew li siefret.   Wieħed irid jagħmel differenza bejn dak li hu intiż li jinstema' minn ġuri u dak li huwa intiż biex ikun deċiż minn Maġistrat li jkollu esperjenza biżżejjed tax-xhieda li jinstemgħu fil-Qorti..

Fl-aħħarnett li wieħed jara l-imġieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhud mhux bilfors li ser jikxef il-verita'.   Xhud jista' jqarraq b'dak li qed jarah u jisimgħu imqar bl-ilbies li jkollu fuqu, bl-abbilta' **kif** juża l-kelma, għax ikun attur tajjeb jew inkun imdorri jiffaċċja l-pubbliku.  L-aktar punti dgħajfa ta' xhud li wieħed jista'  jinduna bihom meta jarah - bħalma huma l-inkonsistenza fl-istorja li jgħid jew inkella gideb ċar – huwa faċli li wieħed jintebaħ bihom minn traskrizzjoni fidila ta' dak li jkun intqal. .  Għal dik li hija dgħjufija  aktar sottili mhux bilfors li min għandu jiġġudika jinduna bihom għax ikun qed jara u jisma' lix-xhud. Dawn ħafna drabi jaħarbu wkoll lill-persuni analitiċi ħafna. Tant dan hu minnu li hawn kotba bħal 'How to analyse people on sight', li bħal issa huwa wieħed mill-aktar e-books li qed ikun downloaded u li kien ippublikat fis-sena 1923  u 'The Definitive Book of Body Language' ta' Allan u Barbara Pease.  Dan tal-aħħar jikkonsidra body language li jista' jkun indikattiv ta' gideb iżda fl-istess ħin jgħid li

wieħed għandu jeħodhom b'ċerta kawtela għax ċerti mossi jistgħu jkunu riżultat ta' raġunijiet oħrajn.[2]

Għar-raġunijiet kollha hawn fuq esposti, il-Qorti qed tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Paġina 149 et seq.